**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Saverina Cuschieri 653435M**

**Vs**

**Susan Muscat KI 249777M**
**Jesmond Buttigieg KI 396269M**

Rikors Numru: 98/17

Illum 19 ta' Frar 2018

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jaqra hekk:

Illi l-esponenti hija sid il-fond 'Sta Rita' Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar, liema fond kien mikri bis-sahha ta' skrittura datata 25 ta' Novembru 2000 lill-intimati u dana ghal zmien ghaxar snin (10);

Illi l-kirja kienet ta' mija u hamsin euro fix-xahar (€150). Illi minkejja li t-terminu kien skada, ir-rikorrenti kienet iggedded il-kirja kull xahar meta jkun dovut il-hlas tal-kera;

Illi pero' b'effett ta' ittra datata 15 ta' Mejju 2017, ir-rikorrenti gharfet lill-intimati li ma kinitx ser tibqa' ggedded il-kirja u li konsegwentement l-istess intimati kellhom johorgu mill-fond;

Illi permezz ta' ittra ufficjali ohra li saret f'Gunju 2017, ir-rikorrenti regghet gharfet lill-intimati li ma kienitx qed iggedded il-kirja u konsegwentement isegwi li t-titolu tal-intimati fuq l-imsemmi fond inkwistjoni skada, u huma qeghdin jokkupaw il-fond minghajr titolu;

Ghalhekk ir-rikorrenti qeghda titlob lil dan il-Bord ghar-ragunijiet premessi:

1. Jiddikjara u jiddeciedi li t-titolu ta' lokazzjoni li kellhom l-intimati fuq il-fond 'Sta Rita' Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar, illum skada u li ghalhekk l-istess intimati qeghdin jokkupaw tali fond minghajr titolu; u

2. Konsegwentement jordna l-izgumbrament tal-intimati minn l-istess fond u

3. Ghall-finijiet ta' tali zgumbrament jigi ffissat terminu qasir u perentorju;

Bl-ispejjez.

Ra li l-intimati gew debitament notifikati u li dehru fl-ewwel seduta.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra

Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2018 l-avukat difensur tar-rikorrenti ddikjara li l-intimat Jesmond Buttigieg hareg mill-fond u kwindi l-mertu huwa ezawrit izda inzamm ferm il-kap tal-ispejjez. L-intimata Susan Muscat kienet ilha li harget mill-fond.

Sabiex dan il-Bord jiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez irid bilfors jirreferi ghal dak li wassal ghall-proceduri odjerni. Mill-atti jirrizulta li fil-25 ta' Novembru 2000 ir-rikorrenti u zewgha kienu permezz ta' skrittura privata krew lill-intimati l-fond mertu tal-vertenza odjerna ghal zmien ghaxar snin. Wara li skada t-terminu lokatizju din il-kirja baqghet tiggeded kull xahar mal-hlas tal-kera izda imbaghad f'Mejju 2017 ir-rikorrenti infurmat lill-intimati li ma kinitx se tibqa' ggedded il-kirja u li kellhom johorgu mill-fond. F'Gunju 2017 baghtet ukoll ittra ufficjali f'dan is-sens.

L-intimata Susan Muscat meta dehret fl-ewwel seduta tad-19 ta' Ottubru 2017 kienet diga' harget mill-fond. L-intimat l-iehor Jesmond Buttigieg hareg biss fil-mori tad-differiment wara l-ewwel seduta.

Mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti ma kellhiex alternattiva hlief li tipprezenta l-kawza odjerna sabiex tiehu lura l-pussess tal-fond u ghalhekk l-ispejjez ghandhom jigu sopportati f'dan il-kaz minn Jesmond Buttigieg

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti inkwantu l-mertu huwa ezawrit, inkwantu ghall-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati kollha minn Jesmond Buttigieg.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**